**Il-futur tal-politika agrikola ewropea**

Nixtieq nirringrazzjakom tal-partecipazzjoni taghkom f'din il-konferenza. Nirringrazzja b'mod partikolari lil MEUSAC kif ukoll lil kelliema barranin mistednin taghna, tall-kontribuzzjoni taghhom.

It-tahlit tal-esperjenzi taghna lkoll flimkien, iwassal mhux biss biex nikbru fl-gharfien tal-politika agrikola komuni, izda nkunu kapaci naqsmu ma xulxin il-hsibiijiet taghna biex nehlbu l-isfidi li minn zmien ghal zmien jaffacca s-settur agrikolu. Dan huwa mument importanti fejn ghal darb'ohra il-PAK qed tigi aġġornata u riformata sabiex tirrifletti l-bżonnijiet tas-settur agikolu u x-xewqat tal-konsumatur tal-lum.

Il-Politika Agrikola Komuni, ilha magħna nistgħu ngħidu sa mit-twaqqif ta' l-Unjoni Ewropea. Matul iż-żmien, kienu diversi l-okkażżjonijiet fejn il-PAK ġiet aġġornata u riformata sabiex tirrifletti l-bżonnijiet tas-settur agikolu u x-xewqat tal-konsumatur.

Illum ukoll qeghdin nergghu nigi msejjha sabiex niddibattu ir-rwol li l-agrikoltura għandu jkollha fis-soċjeta tal-lum u dik tal-gejjieni. Dan id-dibattitu pero ghandu jsir billi nibqghu nghozzu il-principji u l-ghanijiet ta' din il-politika. Igifieri li permezz ta din il-politika;

- Ikun garantit qliegħ xieraq ghal bidwi
- tiffavorixxi l-iżvilupp ekonomiku u soċjali f'żoni rurali
- tithares il-kampanja u l-pajsagg rurali u
- tgħin sabiex il-produzzjoni agrikola tkun aktar sostenibbli u kompetittiva, kemm mil- lat ambjentali kif ukoll dak ekonomiku

Il-futur tal-PAK m'għandux jinteressa biss lill-produtturi imma wkoll liċ-ċittadini kollha. Illum ilkoll niddependu mill-produzzjoni agrikola għall-għajxien tagħna u għaldaqstant is-suġġett għandu jkun ta' interess għal kulħadd. Kif qalilna il-kummissarju Ewropew għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali fil-messagg tieghu ghalina waqt din il-konferenza jinsab f'listening mode sabiex jisma minghand kulhadd qabel ma jkolna strategija finali.

Huwa peremzz ta' dan id-djalogu miftuh, li l-PAK tista' tkun strument effettiv ghal-futur u li tilħaq l-aspettativi ta' kull ċittadin, filwaqt li tikkontribwixxi għall-istrateġija ta' l-'UE 2020' għal tkabbir sostenibbli, intelliġenti, favur l-ambjent u favur il-ħolqien ta' aktar impjiegi. Illum il-gurnata nisimghu hafna dwar il-kuncett ta' green jobs u ppermettuli nghid li anki s-settur agrikolu qieghed johloq aktar impjiegi li tista ssejhilom ambjentali. Ghalfejn qed nghid dan? Insemmi ezempju wiehed. Huwa permezz tal-bdiewa li jkabbru d dwieli li matul ix-xhur tas-sajf naraw il-hdura fil-kampanja taghna. Huwa ta' sodisfazzjon ghalhekk ukoll li kif tindika l-istatistika l-bdiew li jahdmu fuq bazi full time qeghdin jizdiedu u fl-ahhar snin zdiedu b'200 ruh. Jidher ukoll li aktar zghazagh qeghdin jidhlu f'dan is-settur, dan huw krucjali ghal fatt li li ghal kull bidwi li ghandu l-eta' tieghu taht il-35 sena nsibu 10 ohra li ghandhomn 'l fuq minn 55 sena.

Permezz tal-Istitut ghal agribusiness li twaqqaf gewwa l-MCAST aktar u aktar zaghzagh mhux biss qed jesploraw il-karrieri li dan is-settur joffri izda wkoll b'aktar gharfien u ricerka qed iwasslu biex jitghallmu u jesploraw modi, kif nistghu neghlbu l-isfidi. Dan jikkumplimenta wkoll dak li qed issir fic-centru ta' ricerka tal-Gvern maghruf bhala l-Ghammieri, fejn hemmek bhallissa b'kollaborazzjoni mal-Universita' ta' Malta ghaddejjin xejn anqas minn 20 progett ta' ricerka.

Ippermettuli pero nsemmi zewg oqsma li qed ipoggu sfidi ghas-setur agrikolu u li ghalihom il-Ministeru tieghi huwa responsabbli. Qed nirreferi ghal-immaniggjar tal-ilma u t-tibdil fil-klima.

Fir-rigward tat-tibdil fil-klima, li anki l-PAK titkellem ukoll fuq dan, wara li pajjiżna issa għandu strateġija ta' mitigazzjoni dwar it-tibdil fil-klima għaddejjin sabiex ikolna wkoll strateġija dwar l-addattazzjoni dwar it-tibdil fil-klima. nafu kif it-tibdil fil-klima kapaċi jkollu u jħalli effett fuq is-settur agrikolu allura hawnhekk ukoll inridu li jkollna pjan serju sabiex flimkien naddottaw għat-tibdil u l-isfidi li qed iġib miegħu dan il-fenomenu tat-tibdil fil-klima. Fil-gimghat li gejjin ghandu jinhareg dan l-abbozz ta' strategija sabiex isir process ta' konsultazzjoni pubblika fuq din l-istrategija.

Ippermettuli nsemmi wkoll l-immanigjar tal-ilma li wkoll huwa aspett importanti tal-PAK. F'pajjizna nestrattaw 34 miljun metru kubu ta' ilma fis-sena meta suppost huwa kkalkolat li nistgħu nestrattaw 23 miljun metru kubu ta' ilma. Ghalhekk dan il-gvern qed jindirizza din l-isfida anki fl-ahjar interess tal-agrikoltura. L-ewwel li għamilna hu li komplejna fuq il-proċess ta' reġistrar tal-ispiri u boreholes li kien hawn f'pajjiżna. Wara r-

reġistrazzjoni li zvelat mat-8,000 borehole, nedejna t-tieni pass fejn kull min jisupplixxi l-ilma permezz tal-*bowsers* irid ikollu liċenzja maħruġa apposta mill-MRA bix ikun jista' jissupplixxi l-ilma kif ukoll għamilna l-obbligu li jkun installat fuq kull bowser reġistrat tracking system u weight cells fuq il-bowser. Dan sar sabiex inkunu nafu minn fejn qed jiġi estratt l-ilma, safejn qed jiġi distribwit , fejn qed imur, fejn qed jingħata kif ukoll il-volum tal-ilma li qed jingħata biex b'hekk l-estrazzjoni ta' ilma għal użu kummerċjali jkun segwit il-ħin kollu ħalli jkollna stampa sħiħa ta' dak li huwa għaddej.

Ricentament gie ppubblikat Avviż Legali ieħor Nru. 241 bil-għan li jiġi kkalkolat permezz ta' meter li se jitwaħħal ma' kull borehole. Fil-każ tas-settur agrikolu filwaqt li kull bidwi se jkun obbligat li fi żmien qarib ikollu meter mal-borehole, il-bdiewa mhux se jħallsu għall-installazzjoni tal-meter. Għalina hemm differenza bejn l-ispira li għandu l-bidwi li jrid volum ta' ilma għal-uċuħ tar-raba' tiegħu mill-estrazzjoni tal-ilma minn spira għall-użu kummerċjali, fejn l-ilma jinbiegħ. Dawn il-miżuri flimkien għandhom il-ħsieb li jiggarantixxu li l-bdiewa jjkollhom biżżejjed ilma għall-attività agrikola tagħhom. Din hija r-raġuni prinċipali għalfejn qed nagħmlu dan. Jekk il-bidwi mhux se niggarantulu volum biżżejjed ta' ilma u kwalità ta' ilma biżżejjed għall-art tiegħu, għal-ħamrija tiegħu, fi żmien 20 sena, 25 sena oħra l-kwalità tal-ħamrija tagħna se tkompli tiftaqar u ma nistgħux nafordjaw li l-attività agrikola tagħna tmur lura għax meta l-attività agrikola tagħna tmur lura jmur lura l-ambjent kollu ta' pajjiżna.

Permezz tal-moniteragg se tkun stabilita kwota li l-bidwi se jkun jista jestratta sabiex ikollu bizzejjed ilma ghal-ucuh tar-raba tieghu b'xejn. Inrid nghid ukoll li l-kirja tal-meters kemm tad-dawl kif ukoll tal-ilma rahhasniha wkoll bin-nofs.

Dan juri kemm permezz ta'dawn il-mizuri u t-thaddim tal-politika agrikola komuni flimkien mal-investimenti kbar li saru fl-agrikoltura ta' pajjizna amki b'ghajnuna ta' fondi ewropej ghamilna u qed niksbu success f'dawn l-ewwel snin tas-shubija taghna fl-unjoni ewropea. Nawgura l-b'politika agrikola komuni aggornata nasslu sabiex inkomplu nkattru l-gid ghal-bdiewa u r-rahhal taghna filwaqt li nkomplu noffru lil konsumaturi taghna prodotti friski u ta' kwalita'.